KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

# L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 3946

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 253 tal-1 ta' Lulju 2024 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Eleanor Scerri
Skrivan tal-Kamra

**MISTOQSIJIET PARLAMENTARI MWIEĠBA INTERIM FL-14-IL LEĠIŻLATURA**

**38. L-ONOR. CHRIS SAID jistaqsi LILL-ISPEAKER**: Jista' l-Ispeaker jgħid kemm hemm mistoqsijiet parlamentari li saru f'din il-Leġiżlatura li sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija ma kinux ngħataw tweġiba jew ġew imwieġba bil-mod li se jiġu mwieġba f'seduta oħra jew meta tinġabar l-informazzjoni? Jista' jagħti l-lista għal kull Ministru kkonċernat?

26.06.2024

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-bidu tal-14-il Leġiżlatura sat-28 ta' Ġunju 2024 kien hemm 894 mistoqsija parlamentari li t-tweġiba għalihom kienet li "t-tweġiba se tingħata f'xi seduta oħra" jew "l-informazzjoni għadha qed tinġabar". Dawn it-894 mistoqsija parlamentari jinsabu maqsuma skont il-Ministeru hekk kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

| **Ministeru** | **Mistoqsijiet mhux imwieġba** |
|---|---|
| | |
| Uffiċċju tal-Prim Ministru | 35 |
| Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali | 37 |
| Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ | 8 |
| Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | 59 |
| Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal | 97 |
| Ministeru għall-Ekonomija, Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi | 35 |
| Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli | 15 |
| Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat | 9 |
| Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi | 104 |
| Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar | 51 |
| Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol | 30 |
| Ministeru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika | 89 |
| Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir | 38 |
| Ministeru għall-Finanzi | 21 |
| Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni | 98 |
| Ministeru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali | 41 |
| Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni | 34 |
| Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva | 93 |
| | **894** |

Seduta 253
01.07.2024